Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TMIENJA U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2011

**Ħin:** Mis-5.40pm sas-7.20pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar (wasal fis-5.50pm)
Is-Sur Guido Borg
**Skużat:** Il-Kunsillier Trevor De Giorgio

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tallum li bagħat il-Kunsillier Trevor DeGiorgio fejn talab li jkun skużat minħabba impenji ta' xogħol.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seba' u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Seba' u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 1 ta' Ġunju 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tas-Seba' u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 1 ta' Ġunju 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-beraħ saret laqgħa fuq il-post mal-Perit Bezzina fil-preżenża tas-Sindku, Viċi-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv dwar fejn ser titqiegħed iż-*zebracrossing* ta' ħdejn l-HSBC.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi waslet stedina mingħand is-Sur Bezzina għal-*launch* tal-ktieb tiegħu "Ħal Balzan u l-Lunżjata u stejjer oħra" li ser issir fl-24 ta' Ġunju 2011 fis-7.30pm.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi saret stedina lis-Sur Camilleri, l-kordinatur ta' Festa Frott biex jattendi llum fis-6.30pm biex jagħti rendikont ta' l-attivita' li saret fit-3 ta' April 2011.

4. Il-minuti ta' laqgħa li saret ma DConsulta Ltd fl-14 ta' Ġunju 2011 tqiegħdu fuq il-mejda (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv rreferiet għal-minuti tal-laqgħa li għaddiet fejn kienet wegħdet li tagħti l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill wara li tikkonsulta ma l-*accountant* sabiex il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi x'jagħmel dwar l-għoti tat-*tarmac* fi Triq it-Tabib Zammit. Hija qegħdet l-ittra li bagħat l-*accountant* fuq il-mejda, kopja ta' din l-emajl ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-ittra ġiet innutata.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-risposta għall-mistoqsija tal-Kunsillier Trevor DeGiorgio dwar jekk Triq it-Tabib Zammit tistax tingħata *tarmac* bil-fondi UIF tal-MEPA, dan ma jistax jsir. Hija rreferiet għar-risposta dwar din il-materja li tat il-MEPA, kopja ta' din l-emajl ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda stima għal bini mill-ġdid tal-ħajt li jdawwar is-siġra tal-fikus fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, liema stima tammonta għas-somma ta' €708. Il-Kunsill unanimament approva l-istima bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm bżonn li jinbidel xi ġebel dan jinbidel mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjes.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-għada fit-8.00am ser issir laqgħa mal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-knis biex nitkellmu dwar il-knis tat-toroq fi żmien il-festa fejn għadu jiġi miftiehem li l-knis isir dritt wara li jispiċċaw il-marċi tat-Tnejn, il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-għada fit-8.30am ser issir laqgħa mad-ditta Alberta dwar prodotti u servizzi li joffru.

**F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier J. Cassar.**

10. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenżjoni tal-Kunsill illi għada ma saritx data biex jiġu mgħotija l-kotba lill-iskejjel Lija / Balzan / Iklin u Stella Maris. Il-Kunsillier G. Borg għandu jħejji l-appuntamenti bejn it-8.00am u d-9.00am f'ġurnata l-ġimgħa d-dieħla.

11. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv f'hiex waslet il-publikazzjoni ta' l-offerta għal-kordinatur tal-proġett tal-pjazza. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi tat l-ewwel *draft* tad-dokument lill-Kunsillier T. DeGiorgio għal-kummenti tiegħu. Hija nnutat li d-dokument kif ġie *drafted* ma kien jipprovdi għal-*contract management* għas-servizzi ta' l-indafa kif kien ippropona l-Kunsill peres li hija kienet tħoss li jekk isir hekk min jieħu x-xogħol ma jkollux emfazi fuq il-proġett tal-pjazza bħala priorita'. Il-Kunsill unanimament qabel illi l-offerta tinħareġ għas-servizz ta' kordinatur fuq ix-xogħol tal-pjazza biss u wara tinħareġ sejħa għal-offerti għas-servizz ta' *contract manager* fuq il-kuntratti ta' l-indafa biss. Is-Sindku talab li jsir *follow-up* mal-Kunsillier T. DeGiorgio dwar id-dokumenti ta' l-offerta sabiex din tinħareġ kemm jista jkun malajr.

12. Is-Sindku ppropona li l-fondi ta' l-UIF tal-MEPA li bħalissa jammontaw għal-madwar €56,000 jintefqu biex isir il-proġett ta' *embellishment* tal-Wied ta' Ħal Balzan bejn Triq it-Tabib Zammit u Triq il-Kbira. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tagħmel *follow-up* fuq dak li diġa sar biex tara f'hiex wasal ix-xogħol fuq il-pjanti.

13. Is-Sindku li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar ippropona li l-arja ta' Triq il-Kbira bejn Triq San Frangisk u l-Pjazza u l-arja ta' Triq San Frangisk bejn Triq il-Kbira u Triq it-Tabib Zammit issir arja ta' ipparkjar residenżjali ta' siegħa ħlief għar-residenti. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta.

## 3. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-1 ta' Ġunju 2011 u t-22 ta' Ġunju 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tat-22 ta' Ġunju 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 643/11:** L-ittra ta' l-*accountant* dwar il-pozizzjoni finanżjarja tal-Kunsill ġiet innutata.

**Ittra Numru 621/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *One Way* fi Triq San Gabriel ġiet innutata. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tinforma lill-Transport Malta li t-*traffic report* mitlub ma jistax jingħata għal-perjodu ndikat peres li t-tabelli ser jitwaħħlu meta l-iskola tkun magħluqa għas-sajf u għaldaqstant l-impatt tat-tabelli fuq it-traffiku ma jistax jiġi kkalkulat f'dan iż-żmien.

**Ittra Numru 620/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar bankina fi Triq il-Ferrovija l-Qadima ġiet innutata. Is-Sindku nnota li s-Segretarju Ezekuttiv talbet lill Transport Malta tagħmel il-bankina peres li din hija waħda ġdida u Transport Malta bdiet il-proċess biex din issir.

**Ittra Numru 618/11:** L-ittra tad-ditta Frank Salt ġiet innutata. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk il-*bye-law* dwar reklami fuq għamara tat-toroq ġietx ippubblikata. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet fl-affermattiv. Il-Kunsill unanimament qabel li joħroġ sejħa biex jara min huwa interessat jipprovdi *street furniture* u *traffic barriers* b'materjal riċiklat jew aċċettabbli għal-ambjent li jkun tajjeb għar-riklamar. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tagħti risposta f'dan is-sens lill min applika.

**Ittra Numru 616/11:** L-ittra minn Transport Malta dwar *Single Yellow line* fi Triq San Frangisk ġiet innutata. Il-Kunsill talab li tintbagħat kopja ta' l-ittra lis-sid tal-garaxx li għamel l-ilment.

**Ittra Numru 614/11 u 615/11:** MEMO 54/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Lista ta' dawk interessati li jservu bħala Segretarji Ezekuttivi fil-Kunsilli Lokali (*Pool* ta' Segretarji Ezekuttivi Prospettivi) ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-persuni kollha fuq il-lista tal-*pool* gew mistiedna jissottomettu l-interess tagħhom li jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv sat-30 ta' Ġunju 2011. Il-Kunsill innota li l-persuna li jrid jimpjega jrid ikollha esperjenza ta' ċertu żmien taħdem f'Kunsill Lokali.

Il-Kunsill għadda biex unanimament ħatar lis-Sindku, Dr. J. Zammit Montebello, lill-Kunsillier Trevor DeGiorgio u lill-Kunsillier Guido Borg bħala membri tal-Bord tal-Għażla għal-post ta' Segretarju Ezekuttiv. Wara d-data ta' l-għeluq, bejn l-1 u l-4 ta' Lulju ġie miftiehem li kull membru tal-Bord ta' l-Għażla għandu jeżamina l-applikazzjonijiet li jidħlu biex imbad tiġi appuntata data biex jiġu diskussi l-applikazzjonijiet biex eventwalment isiru l-intervisti. Id-data ta' l-ewwel laqgħa ser tiġi appuntata aktar tard peres li żewġ membri tal-Bord ta' l-Għazla ser ikunu msiefrin.

**Ittra Numru 606/11:** MEMO 51/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Spezzjonijiet tal-MCCAA fuq il-*Playing Fields* u r-Rinnovazzjoni ta' dawn mill-Kunsilli Lokali ġiet innutata.

**4. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

F'dan il-ħin wasal is-Sur Camilleri, Kordinatur tal-Festa Frott li ġie mistieden jagħti rendikont ta' l-attivita' li saret fit-3 ta' April 2011.

Is-Sindku beda biex qal illi minkejja kollox l-attivita' marret tajjeb u kienet suċċess bħala l-ewwel attivita' bħala li saret bejn il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard u Ħal Balzan u stieden lis-Sur Camilleri jikkummenta. Huwa qal li ma ħax ġost li l-Kunsill ma kienx infurmat dwar ċertu spejjes u sabhom ma wiċċu wara li saret l-attivita' għaldaqstant jeħtieġ li l-esperjenża tal-passat isservi biex l-affarijiet isiru aħjar. Is-Sindku qal li jixtieq inkun jaf xi flus inġabru u kemm ser tkun id-donazzjoni li ser tingħata lill-Malta Community Chest Fund.

Is-Sur Camilleri qal illi minkejja kollox l-attivita' marret tajjeb ħlief għal-ċertu nuqqasijiet minħabba l-atteġġjament ta' persuni li kienu qed jorġanizzaw minn naha ta' Frott Artna u minn naha tal-Palazz tal-President li riedu jmexxu kollox huma mingħajr indħil meta l-Kunsilli kienu l-organizatturi li ħarġu l-flus. Huwa nnota li minn naha l-oħra imbad, meta nqalaw problemi dawn l-istess nies li riedu jmexxu kollox ma ridux isolvu l-problemi li nqalaw bħal meta ġew biex isir l-armar u l-iżbarazzar wara l-attivita' għalhekk kien hemm spejjeż li ma kienux maħsuba għax in-nies tal-Palazz tal-President riedu li l-arja tiġi żbarazzata wara l-attivita' u l-arja titnaddaf.

Is-Sur Camilleri nnota li kellu ħafna *sponsors* li riedu jipparteċipaw imma minħabba l-fatt li l-attivita' saret fil-propjeta privata tal-Palazz tal-President kien hemm restrizzjonijiet ta' x'kien aċċettabbli għall-uffiċċju tal-President u dawn ma setawx jipparteċipaw u lanqas ma riedu li jkun hemm min ikanta.

Is-Sur Camilleri informa lill-Kunsill illi d-donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund ser tammonta għas-somma ta' €3,000. Huwa talab li tintbagħat ittra formali mill-Kunsill lill-Ms Joyce Galea ta' Frott Artna biex torganizza l-preżentazzjoni tad-donazzjoni mis-Sindki ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan lill-President ta' Malta f'isem il-Malta Community Chest Fund. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tieħu ħsieb tibgħat l-ittra.

**Fis-6.48pm il-laqgħa ġiet aġġornata għal-2 minuti *break*.**

Is-Sindku kkritika kif saru l-affarijiet speċjalment innota li waqt li hu u l-Viċi-Sindku ta' Ħ'Attard kienu qed jistennew lill-Minsitru l-Onor Dr. C. Said biex isir il-ftuħ ta' l-attivita' fl-10.30am kif kien miftiehem, wara sar jaf li l-ftuħ sar fid-9.00am mill-President ta' Malta.

In-nuqqas ta' kordinament u ndiħil li sar għax intużaw il-ġonna privati tal-Palazz tal-President jiġu evitati sena oħra billi l-attivita' ssir fil-ġnien pubbliku ta' San Anton.

Is-Sur Camilleri nnota li minn naha tagħhom il-baned urew l-apprezzament tagħhom għal-attivita' li minkejja kollox kienet suċċess. Huwa nnota li minkejja li ma ridux li jsir kant imbad kien hemm xi tifla li tħalliet tkanta!

**Is-Sur Camilleri kien skużat mil-laqgħa fis-7.05pm.**

**5. <u>Kunsill Lokali Żagħżagħ.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-rapprezentat tal-Kunsill Lokali Żagħzagħ Ħal Balzan ma attendietx minħabba f'impenn ieħor li ma setgħetx tħassar.

**6. Rapport dwar l-ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tat-22 ta' Ġunju 2011 (mehmuz).

**Ilment Numru 17011027145246, 17011074145310, 17011014146014, 17011093146016, 17011017146110 u 17011054146121:** L-ilmenti kollha jikkonċernaw is-servizz tal-karozza tal-linja l-ġdid u l-fatt li ma hemmx serviżż dirett lejn il-Belt. Il-Kunsill innota li madwar għaxar snin ilu u matul dan iż-żmien sakemm ittieħdet id-deċiżjoni, il-Kunsill kien għamel pressjoni fuq il-Gvern biex jiġi provdut serviżż permeżż ta' karozzi tal-linja zgħar minħabba t-toroq dojoq tal-qalb tar-raħal, serviżż li ma jħammiġx l-ambjent u serviżż lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara u l-isptar Mater Dei. Is-serviżż il-ġdid laqat dawn l-elementi kollha li l-Kunsill kien ilu jinsisti fuqhom u ladarba jibda dan is-serviżż dawk in-nies, speċjalment anzjani u persuni li jmorru ċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara ser ikunu moqdija tajjeb. Dawk il-persuni li jmorru għax-xogħol il-Belt jistaw jaqbdu karozza jew minn Ħal Balzan u jieqfu fuq arterja prinċipali u jaqbdu karozza diretta lejn il-Belt jew lejn post ieħor, xi ħaġa li qabel ma kienitx teżisti. Il-Kunsill innota li jrid jingħata ċans li s-serviżż jindara imbad jekk ikun hemm bżonn ta' tibdil wieħed iressaq il-proposti.

**7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Ġunju 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €7,835.14.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 13 ta' Lulju 2011 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data